MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 283/1998/1

**Joseph u Filomena konjugi Fsadni**

**Vs**

**Dorianne Micallef u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2001 kunjom il-konvenuta gie mibul ghal Fsadni stante z-zwieg taghha fit-3 ta' Lulju, 1999.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenuta hija gharusa ma' iben l-attur, Gordon Fsadni, u bdiet tidhol id-dar tal-atturi ghall-habta ta' Novembru, 1995;

Premess illi kemm damet tidhol ghand l-atturi, l-konvenuta kienet tmur id-dar tal-attur prattikament kuljum, u kienet ukoll tidhol kuljum ghandhom;

Premess illi f'Settembru tas-sena 1997 inqala' inkwiet serju bejn l-atturi u binhom Gordon Fsadni u l-konvenuta, liema inkwiet wassal ukoll ghall-allontament ta' Gordon Fsadni mid-dar tal-atturi, u liema inkwiet gie istigat unikament mill-konvenuta u l-genituri taghha;

Premess illi l-atturi ghandhom dritt li jircievu hlas ghall-ikel illi l-konvenuta kienet tiekol ta' kuljum ghandhom;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta ghandha thallas lill-atturi ghall-ikel illi hija kienet tiekol min ghandhom regolarment bejn Novembru, 1995 u Settembru, 1997;

2. Tillikwida l-hlas dovut mill-konvenuta lill-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi dik is-somma ta' flus kif likwidata.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat illum stess, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet fil-kawza odjerna huma karenti minn xi bazi jew fonti fid-dritt, li lanqas l-atturi stess ma jiccitaw fl-att tac-citazzjoni in sostenn tal-pretensjonijiet u/jew talbiet taghhom;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, qatt ma kien hemm xi thassir reziliment jew ksur ingust ta' l-gherusija bejn l-eccipjenti u Gordon Fsadni,

iben l-atturi, sabiex forsi jkun hemm xi bazi ghall-kawza odjerna;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi prestazzjonijiet reciproci li setghu saru bejn l-eccipjent u l-atturi gew skambjati gratwitament u unikament *ex causa familiaris*;

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-fatti dikjarati u l-pretenzjonijiet vantati mill-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jitlob kumpens ghall-ikel li l-konvenuta kienet tiekol minn ghandhom regolarment bejn Novembru, 1995 u Settembru, 1997 meta hi kienet gharusa lit-tifel taghhom Gordon Fsadni. Dan fuq il-premessa li f'Settembru tas-sena 1997 inqala' inkwiet serju bejn l-atturi u binhom Gordon Fsadni u l-konvenuta, liema inkwiet wassal ghall-allontament tat-tifel taghhom mid-dar , liema inkwiet gie istigat unikament mill-konvenuta u l-genituri taghha.

L-attur Joseph Fsadni xehed li kieku l-gherusija tat-tifel taghhom mal-konvenuta mxiet sew, huma kienu jkunu kuntenti li jistmaw lill-konvenuta bhala wahda minn ta' gewwa, daqs li kieku kienet it-tifla taghhom, izda la darba hija mxiet maghhom b'dana l-mod, huma qed jippretendu l-hlas ghall-ikel ta' kuljum li hija kienet tgawdi ghall-perjodu ta' sentejn cioe' minn Novembru, 1995 sal-bidu ta' Ottubru, 1997.

Jigifieri l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li l-gherusija tat-tifel taghhom mal-konvenuta ma mxiet sew.

L-ewwel punt li l-Qorti trid tosserva huwa li llum Joseph Fsadni izzewweg lill-konvenuta (ara Dokument a fol. 51) u ma kienx hemm resiliment ta' sponsali. L-azzjoni ta' l-

atturi ma kelliex u issa m'ghandiex bazi legali jekk hi bazata fuq il-fatt tal-gherusija tat-tifel taghhom mal-konvenuta.

L-atturi qed jghidu li ghandhom dritt ghall kumpens ghax skond huma l-konvenuta u l-genituri taghha kienu holqu l-inkwiet bejn l-atturi u binhom li wassal biex dana telaq mid-dar taghhom.

Meta l-Qorti ezaminat il-provi prodotti, partikolarment dawk prodotti mill-atturi, li kellhom jipprovaw dak li qed jallegaw, il-Qorti ma setghetx ma tikkonkludiex li l-inkwiet verament inqala' minhabba ndhil minn naha ta' l-atturi u mhux mill-konvenuta (jew mill-genituri taghha li m'humiex parti fil-kawza).

Meta l-atturi kienu volontarjament laqghu ghandhom l-gharusa tat-tifel fid-dar taghhom, huma ghamlu dana ghax riedu huma u hadd ma gieghelhom. Jekk huma riedu jaghtu lill-konvenuta x'tiekol dana ghamluh gratwitament, in vista ta' l-gherusija, u eventwali zwieg mat-tifel taghhom. Ma kien hemm ebda rabta kuntrattwali u l-ebda indikazzjoni fil-bidu tar-relazzjoni mal-konvenuta, li l-atturi kienu ser jiccargjaw xi flus.

Anke kieku kellu jirrizulta ghall-grazzja tal-argument li l-atturi kellhom xi dritt, jigi notat li huma bl-ebda mod ma kkwantifikaw dak li qed jippretendu bhala kumpens. Lanqas ma hemm qbil dwar meta l-konvenuta bdiet tidhol fid-dar ta' l-atturi. Il-konvenuta spjegat li fil-1995 lanqas biss kienet tohrog ma Gordon Fsadni.

Inoltre jekk l-atturi qed jallegaw li ghamlu xi spejjez, l-istess jistghu jaffermaw il-konvenuta u l-genituri taghha. Il-konvenuta kienet tghin lill-attrici f'xi facendi u taghmel xi xoghol fid-dar ta' l-atturi biex speci tpatti ghal ikel li kienu joffrulha. Il-konvenuta pero' kienet tahseb li l-atturi kienu qed joffru u jaghmlu dan minn qalbhom u mhux biex jithallsu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta m'ghandha ebda obbligu li thallas lill-atturi xi haga kif qed jippretendu

l-atturi. Dak li sar mill-atturi kien *familiaritatis causa* u gratuwitament.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talbiet attrici
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------